

# 'Il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilka ta' Marija Bambina tax-Xagħra, Għawdex'

Mario Fenech

Fuq wieħed mill-artali tal-Bażilka ta' Marija Bambina tax-Xagħra hemm kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Dan huwa xogħol mill-isbaħ tal-Artist magħruf Malti Francesco Zahra, li għex bejn is-sena 1710 u s-sena 1773. Għamlu fis-sena 1769. Għall-istess knisja tax-Xagħra, sena wara huwa pinġa l-kwadru tal-Madonna tad-Dawl u "l-Ħmistax-il Misteru tar-Rużarju". Meta għamel dawn ix-xogħlijiet, huwa kien qiegħed jikkompeti mal-Artist Rokku Buhagiar li, fis-sena 1767, kien għadu kemm pinġa l-kwadru tal-Kappellun tar-Rużarju.

Jidher li f'Għawdex dan l-Artist kien imfittex sew għax-xogħlijiet tiegħu. Pinġa kwadri fiż-żewġ knejjes prinċipali tar-Rabat, il-Katidral iddedikat lil Marija Assunta u l-Bażilka ta' San Ġorġ Martri; fix-Xewkija, fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġwann Battista; fil-Qala, fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġużepp; fl-Għarb, fil-Bażilka tal-Viżitazzjoni; u fl-Għasri, fil-Bażilka tal-Patroċinju.

Dawn ix-xogħlijiet kollha, flimkien mal-kwadri tax-Xagħra, għamilhom matul is-snin Sebgħin tas-Seklu Tmintax, meta kien fl-aqwa żmien tal-karriera tiegħu.



Fil-kwadri tiegħu, dan l-Artist kien jippreferi li jinkludi numru akbar ta' persunaġġi f'daqs żgħir milli ftit u ta' daqs ikbar. Għaldaqstant, fil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tax-Xagħra, flimkien mal-figuri tal-Madonna u l-Bambin (li qegħdin fuq Tron ta' sħab abjad fiċ-ċentru tat-tila), huwa inkluda wkoll lill-Qaddisin San Duminku u San Nikola.

Fuq in-naħa tax-xellug tat-tila, San Xmun Stock qiegħed jirċievi l-Labtu tal-Karmelu minn idejn il-Madonna. Warajh, Sant Elija bix-xabla, bin-nar f'idejh.

Fil-parti t'isfel, bejn il-blat tal-abbiss, jidhru l-Erwieħ tal-Purgatorju li qegħdin jitolbu bil-ħniena għas-salvazzjoni tagħhom.

Kwadru sabiħ li jwassal il-messaġġ tal-qawwa tal-Karmelu kif ukoll il-kapaċitajiet kbar li kellu dan l-Artist Francesco Zahra biex, permezz tal-pniezel flimkien mal-kuluri li kien jagħżel għax-xogħlijiet tiegħu, kien joħroġ riżultati bħal ta' dan il-kwadru, li jinsab fil-Bażilka tax-Xagħra.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.




Sunflower
FLORAL DESIGNS

**JANICE FENECH**
**9947 8286**

Shop: St.Thomas Street, Fgura
21 896 165
Store: Villabate Street, Zabbar
janicesunflower@gmail.com

**Shop Online:**
www.sunflowerfloraldesigns.com
:Sunflower Floral Designs